Malta-EU Steering & Action Committee

**280 Republic Street**
**Valletta VLT 1112**
**Malta**

*Svetlana R. Curmi*
*Media Officer*
***T:** 2200 3307*
***E:** svetlana-rose.curmi@gov.mt*

---

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

## Għajnuna lis-soċjetà ċivili permezz tal-Fond tas-Soċjetà Ċivili

Illum fl-uffiċċji tal-MEUSAC, is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, l-Onor. Chris Said, ippreżenta għotjiet lil organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili taħt il-Fond tas-Soċjetà Ċivili.

L-iskop tal-Fond għas-Soċjetà Ċivili huwa li jgħin lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jsaħħu l-kapaċità li joperaw f'kuntest tas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea billi jiffaċilità l-parteċipazzjoni ta' dawn l-organizzazzjonijiet f'għaqdiet, assoċjazzjonijiet jew federazzjonijiet fuq livell Ewropew u l-attendenza f'konferenzi, seminars u laqgħat barra minn Malta fuq materji relatati direttament mal-UE u fil-kuntest tal-affiljazzjoni fuq livell Ewropew. Is-sejħa għal applikazzjonijiet ħarġet f'Awwissu ta' din is-sena bl-għan li tgħin fil-finanzjment ta' dawn l-attivitajiet.

Is-somma totali allokata għal din is-sena, li permezz tagħha ibbenefikaw b'kollox 25 organizzazzjoni, kienet ta' €278,472.27. Il-finanzjament massimu hu ta' 80% tal-ispejjeż relatati mal-affiljazzjoni tal-organizzazzjonijiet eleġibbli f'għaqdiet, assoċjazzjonijiet jew federazzjonijiet Ewropej

Malta-EU Steering & Action Committee

**280 Republic Street**
**Valletta VLT 1112**
**Malta**

*Svetlana R. Curmi*
*Media Officer*
***T:*** *2200 3307*
***E:*** *svetlana-rose.curmi@gov.mt*

---

Il-Kap tal-MEUSAC Dott. Vanni Xuereb qal li minbarra il-Fond tas-Soċjetà Ċivili, il-MEUSAC waqqaf Fond għal Ko-finazjament għall-għaqdiet mhux governattivi li japplikaw għal fondi tal-UE. Fil-baġit tas-sena d-dieħla, il-Gvern introduċa vot ġdid għal dan il-ko-finanzjament ta' €280,000. Dott. Xuereb kompla jgħid li bejn Diċembru 2008 u Ottubru 2009, saru 111-il laqgħa formali bejn il-MEUSAC u għaqdiet mhux governattivi dwar għajnuna fl-applikazzjoni ta' proġetti taħt il-programmi ta' fondi tal-UE. Matul l-istess perjodu, bl-għajnuna tal-MEUSAC, 22 organizzazzjoni kisbu total ta' €2,411,076.78 f'fondi mill-UE. Semma wkoll l-ispazju li għandhom l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili permezz tal-istrutturi ta' konsultazzjoni tal-MEUSAC. Il-Kap tal-MEUSAC temm l-intervent tiegħu billi rringrazzja lis-Segretarju Parlamentari Said, lill-membri tal-*Core Group* u tal-Kumitati Settorjali kif ukoll lill-i*staff* tal-MEUSAC.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, Dott. Chris Said, qal li huwa sodisfatt bil-ħidma li wettaq il-MEUSAC matul din is-sena. Waqt li saħaq li l-MEUSAC laħaq il-miri li għalihom twaqqaf, tenna li għas-sena dieħla l-MEUSAC se jkollu sfidi ġodda quddiemu. Fost dawn semma li jiżdiedu n-numru ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-Kumitati Settorjali kif ukoll li l-informazzjoni dwar il-politika tal-UE tasal għand il-pubbliku permezz ta' inizjattivi ġodda u innovattivi fil-kuntest tas-Sħubija ta' Ġestjoni (*Management Partnership*) mal-Kummissjoni Ewropea fejn il-MEUSAC ġie allokat €800,000 għall-perjodu ta' erba' snin għal informazzjoni Ewropea. Fost l-inizjattivi li se jseħħu s-sena d-dieħla, Dott. Said semma *camping* għall-familji dwar temi relatati mal-ambjent li se jkun organizzat fit-13 u l-14 ta' Marzu. Is-Segretarju Parlamentari temm id-diskors tiegħu billi fakkar li l-UE hija parti mill-ħajja tagħna ta' kuljum u għalhekk iridu nisfruttaw kull opportunità possibbli li tista' toffrilna l-UE. Huwa qal li mill-bidu tas-sena d-

Malta-EU Steering & Action Committee

**280 Republic Street**
**Valletta VLT 1112**
**Malta**

*Svetlana R. Curmi*
*Media Officer*
***T:** 2200 3307*
***E:** svetlana-rose.curmi@gov.mt*

dieħla, il-MEUSAC mhux biss se jkompli jagħti l-għajnuna tiegħu mill-uffiċċji tiegħu fil-Belt iżda wkoll minn uffiċċju konġunt mal-MCESD li se jinfetaħ ġewwa Għawdex fil-bidu tas-sena l-ġdida.

Il-benefiċċjarji għas-sena 2009/2010 huma l-Union Ħaddiema Magħqudin, il-General Workers Union, il-Malta Employers Association, il-General Retailers and Traders Unions, kif ukoll il-Gozo Business Chamber, il-Malta Institute of Management, il-Malta Exercise Health and Fitness Association, il-Medical Association of Malta, il-Malta Union of Bank Employees, il- Federated Association of Travel and Tourism Agents, il-Confederation of Malta Trade Unions, il-Malta Association of Physiotherapists, il-Malta Union of Teachers, il-Malta Tourism Society, iċ-Chamber of Engineers, id-Dental Association of Malta, il-Malta Chamber of Pharmacists, il-Malta Dental Technologists Association, il-Malta Health Network, l-Association of Speech-Language Pathologists, il-Malta Federation of Professional Associations, in-National Council of Women, il-Malta Union of Professional Psychologists, il-Kamra tal- Periti - Chamber of Architects & Civil Engineers, il-Federation for Hunting & Conservation (FKNK).

**MEUSAC – 18.12.2009**